# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' Jannar 2023**

**Rikors Numru 224/2022 FDP**

Fl-ismijiet

**Amer Abdelrazek, detentur tal-Karta ta' Residenza Maltija Nru 0044983A**

**Vs**

**L-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali**

**u**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 14 ta' Marzu 2022, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponenti kien qed jirrisjedi fMalta abbażi ta' status ta' protezzjoni sussidjarja li kien ingħata fit-30 ta' Lulju 2014 wara deċiżjoni tal-Bord tal-Appell dwar ir-Refuġjati;*

    2. *Illi kopja ta' din id-deċiżjoni qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. A, filwaqt li kopja tad-dokument li jġib in-numru ta' referenza 1709-14 u li juri l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja li ngħatat lill-esponenti qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. B;*

    3. *Illi dan l-istatus baqa' jiġġedded mingħajr problemi mill-Aġenzija intimata minn sena għall-oħra;*

4. *Illi fid-9 ta' Ġunju 2021, l-esponenti rċieva korrispondenza mill-Aġenzija intimata, liema korrispondenza hija annessa u mmarkata bħala Dok. C, li infurmatu li l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja tiegħu kien qed jiġi irtirat minħabba li:*

    *'...the Maltese authorities were informed that you were convicted of life imprisonment in case no. 7705/2010 for drug trafficking offences in Egypt. You are also known to the Maltese authorities as having been involved with serious organized groups dealing in fuel and contraband smuggling.'*

5. *Illi din il-korrispondenza kienet supplimentata b'rapport preparat mill-Aġenzija intimata biex tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha, liema rapport huwa anness u mmarkat bħala Dok. D;*

6. *Illi dan ir-rapport isemmi kif*

    *'On the 18/05/2021, the Malta Police Force informed this Agency that the beneficiary was sentences to 35 years imprisonment for drug trafficking in Egypt. In view of this information, the International Protection Agency decided to initiate a procedure for the withdrawal of the beneficiary's Subsidiary Protected Status in accordance with Article 22(3)(a) of the International Protection Act'.*

7. *Illi l-esponenti intavola appell kontra d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata, liema appell huwa anness u mmarkat bħala Dok. E;*

8. *Illi dan l-appell ġie miċħud mit-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali hekk kif ġie intavolat fuori termine. Illi kopja ta' din id-deċiżjoni qed tiġi annessa u mmarkata bħala Dok. F;*

9. *Illi kuntlarjament għal dak li qed tallega l-Aġenzija intimata, l-esponenti qatt ma' ħeba s-sentenza ta' priġunerija li ngħatatlu in absentia u kien informa lill-Aġenzija intimata dwar dan fl-intervista li saritlu fit-8 ta' April 2014. Illi kopja ta' din l-intervista tinsab annessa u mmarkata bħala Dok. G;*

10. *Illi aktar minn hekk, dan l-istat ta' fatt issemma bosta drabi mill-esponenti waqt li kien għaddej bil-proċeduri biex jikseb l-istat ta' protezzjoni internazzjonali f'Malta, u għalhekk żgur ma' jistax jingħad li dan il-fatt important inżamm mistur mill-esponenti;*

11. *Illi din l-informazzjoni kollha kienet aċċessibbli kemm lill-Aġenzija intimata kif ukoll lil Korp tal-Pulizija;*

12. *Illi l-korrispondenza li rċieva l-esponenti għamlet referenza wkoll għal allegazzjonijiet li l-esponenti kien involut fi ċrieki kriminali;*

13. *Illi minkejja dan, ma' jidher li sar ebda' sforz mill-Aġenzija intimata biex tikkonferma dawn il-fatti qabel ma' ddeċidiet, b'mod unilaterali u arbitrarju, li tirtira l-istatus tal-esponenti;*

14. *Illi għalhekk, il-proċess operat mill-Aġenzija intimata kien wieħed superfiċjali u msejjes fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati u li wasslet għal deċiżjoni leżiva għad-drittijiet tal-esponenti;*

15. *Illi aktar minn hekk, l-Aġenzija intimata provdiet lill-esponenti b'informazzjoni ħażina li wasslitu biex intavola l-appell tiegħu b'mod tardiv. Illi filwaqt li l-korrispondenza li rċieva l-esponenti imponiet terminu ta' jumejn biex l-esponenti jagħmel is- sottomissjonijiet tiegħu, il-Liġi ta' Malta, senjatament fl-Artikolu 22(6) tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, tistipola terminu ta' ġimgħa biex isiru dawn is-sottomissjonijiet;*

16. *Illi dan wassal biex l-esponenti sofra preġudizzju irrimeddjabbli mill-Aġenzija intimata, liema deċiżjoni affettwat mhux biss lilu iżda wkoll lil familja kollha tiegħu li lkoll jiddependu fuq l-istatus ta' protezzjoni sussidjarja biex jirrisjedu f'Malta;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja:*

1. *Tiddikkjara li id-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata datata 9 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha ġiet irtirata il-protezzjoni sussidjarja tal-esponenti naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil u dan ai termini tal-Artikolu 469A(l)(b)(ii) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata datata 9 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha l-protezzjoni sussidjarja tal-esponenti ġiet irtirata;*

3. *Tordna li l-esponenti għandu jerġa' jkun integrat fl-istatus ta' protezzjoni sussidjarja li kien igawdi minnu qabel id-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata datata 9 ta' Ġunju 2021;*

*U dan salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti tqis xieraq u neċessarju.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati.*

2. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2022, l-intimati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu is-segwenti difiża:

*1. Illi in primis l-esponent Avukat tal-Istat jispjega illi huwa jassisti lill-intimati l-oħra bħala rappreżentant legali tagħhom u m'għandu ebda konnoxxenza personali tal-fatti;*

*2. Illi l-esponenti Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali tirrileva s-segwenti fatti kif magħrufa lilha:*

*Illi fis-sezzjoni tal-pre-info meta ġiet intavolata l-applikazzjoni għal protezzjoni sussidjarja ġie allegat illi r-rikorrent kien akkużat fid-19 ta' Diċembru 2010 fl-Eġittu illi kien fil-pussess ta' drogi u kien qiegħed jittraffika d-drogi meta kien fil-kumpanija ta' ħabib tiegħu. Huwa qal illi ħaduh il-ħabs imma li fit-28 ta' Frar 2011 ġie rilaxxat għaliex il-priġunieri kollha ġew rilaxxati. Huwa jgħid illi meta ġie Malta, sar jaf li weħel 32 sena ħabs fl-Eġittu. Huwa jgħid li ma kellu ebda drogi fil-pussess tiegħu. Huwa jgħid illi huwa kien membru tal-Muslim Brotherhood u għalhekk l-gvern Eġizzjan ippersegwitah u tefgħu l-ħabs fuq akkużi foloz ta' pussess u trafikkar ta' drogi. Wara li ġie rilixxat baqa' l-Eġittu għal xahrejn u mbagħad ġie Malta permezz ta' dgħajsa b'mod legali.*

*Illi fl-applikazzjoni tiegħu huwa stqarr illi:*

> *"I left Egypt on the 7th April 2011, because I was in prison and I escaped during the conflict. I was arrested because I was framed and accused of trafficking drugs. I would be put in prison again for 32 years."*

*Illi fit-8 ta' April 2014 huwa ġie intervistat minn uffiċjali tal-eks Kummissarju għar-Refuġjati (illum Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali). Illi l-eks Kummissarju għar-refuġjati wara li għamel assessment fis-26 ta' April 2014 ipproċeda sabiex jirrifjuta l-applikazzjoni fuq il-bażi illi l-allegazzjonijiet tiegħu ma ġewx sostanzjati u li l-allegazzjoni tiegħu li kien il-habs ma kenitx kredibbli. L-eligibility memo u l-eligibility recommendation ġew kumpilati fl-istess ġurnata. Fid-19 ta' Mejju 2014 ir-rikorrent appella d-deċiżjoni tal-eks Kummissarju għar-Refuġjati u l-Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati varja d-deċiżjoni tal-eks Kummissarju għar-Refuġjati u kkonċedilu protezzjoni sussidjarja fit-30 ta' Lulju 2014;*

*Illi f'Mejju 2021 l-Aġenzija għal Protezzjoni Internazzjonali (IPA) ġiet infurmata mill-Awtortijajiet Maltin illi r-rikorrent ġie kkundannat b'sentenza ta' priġunerija għal għomru fil-każ 7705/2010 għal offiżi kriminali dwar drogi fl-Eġittu. L-IPA kkomunika dawn il-withdrawal procedures fid-9 ta' Ġunju 2021 u kkonċedielu jumejn (2) ċans għal risposta tiegħu mid-data tan-notifika tal-istess ittra. Ir-rikorrent ikkorisponda fis-16 ta' Ġunju 2021 permezz ta' emails. Fit-12 ta' Lulju 2021 l-IPA kkomunikat mar-rikorrent illi l-protezzjoni sussidjarja tiegħu qiegħda formalment tigi rtirata abbażi tal-artikolu 17 (1) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi r-rikorrent intavola appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar il-protezzjoni internazzjonali (IPAT) fis-6 ta' Settembru 2021.*

*Illi fl-14 ta' Settembru 2021 l-IPAT ikkunsidrat l-appell bħala tardiv għaliex ġie intavolat wara il-15 (ħmistax)-il ġurnata stipulat fl-artikolu 7 tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta.*

***Eċċezzjonijiet preliminari***

*3. Illi in linea preliminari, l-intimat l-Avukat tal-Istat jeċepixxi illi huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur għal pretensjonijiet vantati mir-rikorrent stante illi fl-ewwel lok deċiżjonijiet rigwardanti protezzjoni internazzjonali ma jaqgħux taħt il-mansjoni tal-istess esponent u li fit-tieni lok, ir-rikorrent qiegħed jattakka biss id-deċiżjoni tal-Aġenzija Intimata u mhux id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali. Kwindi bl-applikazzjoni tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-esponent Avukat tal-Istat għandu jiġi liberat minnufih mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*4. Illi in linea preliminari ukoll, in kwantu dina l-azzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ossia stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tad-9 ta' Ġunju 2021 u/jew tat-12 ta' Lulju 2021 kif notifikat formalment fil-21 ta' Lulju 2021 tal-intimata Aġenzija, l-istess Aġenzija esponenti teċepixxi formalment illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta ai termini tal-Artikolu 469A (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*5. Illi in linea preliminari l-esponenti jeċepixxu illi r-riżerva ta' xhieda oħra kif stipulat fir-rikors ġuramentat in risposta mhux permisibbli mill-Liġi u ai termini tal-artikolu 156 (4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula illi "l-attur għandu wkoll jagħti mad-dikjarazzjoni l-ismijiet tax-xhieda li jkun bi ħsiebu jġib, filwaqt li jiddikjara dwar kull wieħed minnhom x'fatti u xi prova bi ħsiebu jagħmel bix-xiehda tagħhom."*

***Eċċezzjonijiet fil-mertu***

*6. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*7. Illi dato ma non concesso li l-eċċezzjonijiet preċedenti ma jiġux akkolti, fir-rigward tal-mertu l-esponenti jeċepixxu fl-ewwel lok illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti kif dikjarati mir-rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

*8. Illi l-esponent Aġenzija tirrileva illi l-konċessjoni ta' jumejn (2) (mid-data tan-notifika) għal sottomissjonijiet li l-esponent Aġenzija kkonċediet lill-attur fl-ittra tad-9 ta' Ġunju 2021 ma ngħatax ai terminu tal-artikolu 22 (6) tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta kif qiegħed jiġi allegat fir-rikors ġuramentat in risposta. Dak it-terminu ingħata ai termini tal-artikolu 22 (4) tal-Kap. 420 tal-liġijiet ta' Malta sabiex qabel ma tgħaddi għad-deċiżjoni finali tagħha, l-Aġenzija tagħti opportunita' lill-attur*

*iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu kif fil-fatt għamel permezz tar-rappreżentanti legali tiegħu b'żewġ ittri elettroniċi datati 15 ta' Ġunju 2021 u 16 ta' Ġunju 2021. Kwindi, altru milli l-esponenti aġixxiet b'leżjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali kif imsemmija fl-artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap.12 tal-Liġijiet imma anzi indokrat tali prinċipji billi tat opportunita' lill-istess attur sabiex il-vuċi tiegħu tinstema';*

*9. Illi l-Aġenzija esponenti tirrileva illi l-allegazzjoni tal-attur illi l-agir tal-Aġenzija intimata b'xi mod naqqritlu mit-terminu tal-Appell quddiem it-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali (terminu ta' ħmistax (15) il-ġurnata ai termini tal-artikolu 7 tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta) hija frivola u vessatorja stante illi mill-withdrawal procedures tad-9 ta' Ġunju 2021 u tat-12 ta' Lulju 2021 l-attur xorta waħda kellu terminu ta' ħmistax (15) il-ġurnata żmien sabiex jappella quddiem it-Tribunal relattiv. L-attur ġie notifikat fil-21 ta' Lulju 2021 bid-deċiżjoni tat-12 ta' Lulju 2021. Minkejja dan, l-attur idderieġa ruħu sabiex jintavola l-appell tiegħu fis-6 ta' Settembru 2021 u ċioe' sitta u erbgħin (46) ġurnata wara d-deċiżjoni tal-IPAT. Din it-tardivita' hija imputabbli biss lill-attur u lil ħadd aktar.*

*10. Illi l-esponent Aġenzija tirrileva illi gialadarba l-Aġenzija ġiet formalment infurmata mill-Awtoritajiet illi l-attur ġie misjub ħati ta' offiża kriminali w ingħata piena ta' għomru l-ħabs hija stabbiliet illi jeżistu l-estremi illi tiġi rikunsidrata u eventwalment irtirata l-protezzjoni sussidjarja li kienet ingħatatlu, u dan ai termini tal-artikolu 22 (3) (a) flimkien mal-artikoli 17 (1) (b) (fejn persuna tkun għamlet delitt). Kwindi l-esponenti tiribatti bis-saħħa illi hija naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet tagħha;*

*11. Illi l-Aġenzija esponent teċepixxi illi s-serjeta' tal-ġudikat kriminali fil-konfront tal-attur u l-informazzjoni li l-awtoritajiet għaddew lill-Aġenzija huma raġunijiet validi li wasslu lill-istess Aġenzija tagħmel deliberazzjonijiet raġonevoli u ġusti fil-konfront tal-attur;*

*12. Illi l-Aġenzija intimata m'għandha ebda obbligu, dritt u/jew setgħa legali sabiex xjentement tikkonferma jew tisfida dak illi Qrati Internazzjonali u Awtoritajiet Nazzjonali kkonfermaw fl-operat u fil-qadi ta' dmirijiethom. Għalhekk huwa pależament irriżorju l-argument tal-attur illi l-esponenti kellha tikkonferma u/jew tiċċekja ulterjorment dak li awtoritajiet kompetenti ġabu a formali konjizzjoni tal-istess Aġenzija;*

*13. Illi l-Aġenzija intimata teċepixxi illi meta l-attur ingħata protezzjoni internazzjonali sussidjarja lura fis-sena 2015, dan ingħata abbażi ta' deċiżjoni tal-eks Bord tal-Appelli dwar ir-Refuġjati (illum it-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali) fejn fil-Prim' Istanza l-Aġenzija qatt ma qablet ma' dak illi intqal mill-attur fl-applikazzjoni tiegħu u fl-intervista tiegħu. Meta ħareġ ċar bi prova reġina tas-Sentenza tal-Każ Numru 7705/2010 illi huwa weħel għomru l-ħabs fl-Eġittu minħabba li ġie misjub ħati ta' pussess u traffikkar ta' droga, allura*

*ma kienx jifdal triq oħra għall-IPA għajr illi tapplika l-estremi tal-Artikoli 22 u 17 tal-Kap. 420 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*14. Illi fir-rigward tat-tielet talba tal-attur kif imfissra fir-rikors ġuramentat in risposta, l-esponent Aġenzija teċepixxi f'proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju jekk Qorti tannulla għemil amministrattiv hija tordna lill-awtorita' kompetenti terġa' tikkunsidra mill-ġdid il-każ tal-attur imma qatt ma tarroga fuqha poteri deċiżjonali tal-awtortijajiet. Wara kollox, din il-kawża m'għandhiex isservi ta' appell tat-tielet istanza (mit-Tribunal tal-Appelli dwar il-Protezzjoni Internazzjonali) għaliex l-attur kompletament naqas proċeduralment fl-appell mogħti lilu mill-liġi quddiem it-Tribunal relattiv;*

*15. Illi fi kwalunkwe każ it-talbiet tar-rikorrent huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*16. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrent.*

3. Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022, l-intimati talbu illi jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari tagħhom, ossija dawk immniżżlin fit-tielet u raba' pargrafu tal-eċċezzjonijiet tagħhom, liema talba intlaqgħet mill-Qorti.

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-intimati fit-13 ta' Ġunju 2022.

5. Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Ġunju 2022 l-intimati ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

6. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-3 ta' Novembru 2022, wara liema trattazzjoni l-każ ġie differit sabiex jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimati.

**Ikkunsidrat**

7. Jirriżulta illi l-intimati, fir-risposta tagħhom, ressqu tlett eċċezzjonijiet preliminari, li kienu s-segwenti:

    a. L-Avukat tal-Istat ma huwiex il-leġittimu kontradittur stante illi r-rikorrent qed jattakka biss id-deċiżjoni tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali u mhux id-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, u għalhekk, abbażi tal-Artikolu 181B tal-Kap 12, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

    b. L-azzjoni odjerna hija perenta bit-trapazz ta' sitt xhur mid-deċiżjoni li qed tiġi kkontestata, u dana peress illi l-azzjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 469A tal-Kap 12, id-deċiżjonijiet mogħtija ngħataw fid-9 ta' Ġunju 2021 u fit-12 ta' Lulju 2021, filwaqt illi l-azzjoni odjerna inbdiet fl-14 ta' Marzu 2022.

c. Riserva ta' xhieda oħra f'rikors ġuramentat ma huwiex permessibbli ai termini tal-Artikolu 156 (4) tal-Kap 12.

**Ikkunsidrat**

8. Jirriżulta, mill-atti promoturi fil-pussess ta' dina l-Qorti, illi t-talba tar-rikorrenti hija sabiex jiġi dikjarat li d-deċiżjoni tal-Aġenzija meħuda fid-9 ta' Ġunju 2021 tilledi l-prinċipji ta' ġustizzja naturali a termini tal-Artikolu 469A (1) (b) (ii) tal-Kap 12 u sabiex, għalhekk, tħassar id-deċiżjoni tad-9 ta' Ġunju 2021.

9. Jirriżulta, għalhekk, illi ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-azzjoni odjerna hija waħda ta' Stħarriġ Ġudizzjarju ta' Azzjoni Amministrattiva, kif pprovdut fl-Artikolu 469A tal-Kap 12.

10. Jirriżulta wkoll illi ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija indirizzata sabiex tattakka d-deċiżjoni meħuda fid-9 ta' Ġunju 2021.

11. Il-Qorti, madanakollu, tosserva illi mill-atti jirriżulta li l-ittra tad-9 ta' Ġunju 2021 attwalment tgħarraf lir-rikorrent illi, abbażi ta' informazzjoni lilhom mogħtija,

    *These elements provide this Agency with serious reasons to reconsider the validity of your Subsidiary Protection Status. In this regard, please be informed that this Agency is considering withdrawing your Subsidiary Protection Status on the basis of Article 22(3)(a) of the International Protection Act when read in conjunction with Article 17(1)(b) and (d) of the same Act, and on the basis of Article 22(3)(b).*

    *In view of the above, you are being given the opportunity to make written submissions indicating why your Subsidiary Protection Status should not be withdrawn. Submissions need to be received within a period of two (2) working days from the date of receipt of this letter.*

12. Sussegwentement, filwaqt illi r-rikorrent ma pprovda ebda tip ta' dokument li turi li kkomunika mal-Aġenzija biex joġġezzjonż għal tali indikazzjonijiet, l-Aġenzija ħadet deċiżjoni finali fit-12 ta' Lulju 2021, fejn għarrfitu illi:

    *In light of the above, the International Protection Agency has decided to revoke the Subsidiary Protection Status of Mr AMER Abdelrazek on the basis of Artikolu 22(3)(a) of the International Protection Act when readd in conjunction with Article 17(1)(b) of the same Act.* ***Hence, Mr AMER Abdelrazek's Subsidiary Protection Status is being offically withdrawn.***

13. Jirriżulta, finalment, minn dokumentazzjoni ppreżentata ir-rikorent stess, ossija korrispondenza tal-konsulent legali tiegħu, illi huwa rċieva tali deċiżjoni fit-30 ta' Lulju 2021.

14. Jirriżulta, għalhekk, illi d-deċiżjoni finali li l-Qorti tifhem li r-rikorrent qiegħed jikkontesta hija attwalment dik tat-12 ta' Lulju 2021, liema deċiżjoni ġiet lilu kkomunikata, skond ir-rikorrent stess, fit-30 ta' Lulju 2021.

15. Jirriżulta illi r-rikorrent appella minn tali deċiżjoni fis-6 ta' Settembru 2021 quddiem l-International Protection Appeals Tribunal, liema Tribunal, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fl-14 ta' Settembru 2021, ċaħad l-appell peress illi ma kienx intavolat entro il-perjodu ta' ħmistax-il ġurnata minn meta rċieva d-deċiżjoni, u dan kif stabbilit fl-Artikolu 7 (2) tal-Kap 420.

16. Jirriżulta, mill-atti, illi l-proċeduri odjerni ġew intavolati fl-14 ta' Marzu 2022.

## Ikkunsidrat

17. Il-Qorti tosserva fost l-eċċezzjonijiet preliminari mqajjma mill-intimati, hemm tnejn li ġew indirizzati sabiex il-Qorti tagħti deċiżjoni fuqhom:

    a. Il-kwistjoni li l-Avukat tal-Istat ma huwiex il-leġittimu kontradittur

    b. Il-kwistjoni illi l-azzjoni odjerna hija perenta bit-trapass tas-sitt xhur.

18. Il-Qorti għalhekk ser tqis il-kwistjonijiet separatament.

## L-Avukat tal-Istat mhux il-leġittimu kontradittur.

19. Jirriżulta, mir-rikors promotur, illi l-azzjoni odjerna hija diretta biex tattakka l-aġir u deċiżjoni tal-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, w id-deċiżjon meħuda minna fid-9 ta' Ġunju u 12 ta' Lulju 2021.

20. Jirriżulta illi mhijex qed tiġi kkontestata d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appelll għall-Protezzjoni Internazzjonali.

21. L-Artikolu 181B (2) tal-Kap 12 jipprovdi illi:

    *L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

22. Il-ħsieb tal-Liġi jidher illi huwa wieħed ċar – l-Avukat tal-Stat għandu jitħarrek BISS meta l-azzjoni ma tistax tinġieb direttament kontra l-entita li dwarha qed isir l-ilment, u jekk dana ma huwiex il-każ, l-azzjoni trid tiġi diretta lejn il-persuna u/jew entita' li dwarha qed isir l-ilment.

23. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-azzjoni odjerna setgħet, u difatti, hija diretta lejn entita' ossija l-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, u hija BISS id-deċiżjoni tal-Aġenzija illi qiegħda tiġi kkontestata permezz tal-azzjoni odjerna.

24. Għalhekk, ladarba r-rikorrent kellu entita' kontra min jintavola l-azzjoni odjerna, kif di fatti għamel, ossija l-Aġenzija dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, ma kien hemm ebda ħtieġa sabiex isejjaħ fil-ġudizzju wkoll l-Avukat tal-Istat għal xi entita' oħra li kontra tagħha ma tistax issir azzjoni diretta, bħalma setgħet tkun it-Tribunal tal-Appell għall-Protezzjoni Internazzjonali.

25. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat timmerita illi tiġi milqugħa.

**L-azzjoni hija perenta**

26. Jirriżulta, mill-atti illi l-kawża odjerna ġiet intavolata fl-**14 ta' Marzu 2022**.

27. Jirriżulta wkoll illi d-deċiżjoni ikkontestata mir-rikorrent ġiet indikata, erronjament tikkontendi din il-Qorti, illi ngħatat fid-9 ta' Ġunju 2021, filwaqt li jirriżulta li d-deċiżjoni finali ta' tneħħija ta' Protezzjoni Sussidjarja ttieħdet fit-**12 ta' Lulju 2020**.

28. Jirriżulta illi r-rikorrent ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata fit-**<u>30 ta' Lulju 2021</u>**, kif minnu stess ammess – vide fol 23.

29. Jirriżulta illi huwa intavola appell quddiem it-Tribunal fis-**6 ta' Settembru 2021**, liema appell ġie deċiż fl-**14 ta' Settembru 2021** fejn ġie dikjarat illi kien appell 'fuori termine', peress illi ma kienx intavolat fi amien ħmistax-il ġurnata minn meta ġie notifikat bid-deċiżjoni tal-Aġenzija.

30. Jirriżulta illi l-intimati jikkontendu illi l-azzjoni odjerna hija preskritta u 'fuori termine' stante illi ġiet intavolata 'l hinn mis-sitt xhur previsti fil-Liġi minn meta sar jaf bid-deċiżjoni.

31. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrent jikkontendi illi huwa fatt magħruf illi l-ewwel kellu jeżawrixxi r-rimedju kollha ordinarji lilu mogħtija qabel ma nieda tali proċeduri, u la darba r-rimedji ordinarji ġew eżawriti hekk kif it-Tribunal ċaħad l-appell tiegħu fl-14 ta' Settembru 2021, il-perjodu ta' trapass taż-żmien kellu jibda jgħodd minn dakinhar.

32. Jirriżulta, għalhekk, skond ir-rikorrenti, illi l-preżentata tal-kawża fl-14 ta' Marzu 2022 kien eżatt fit-terminu tas-sitt xhur mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal.

**Ikkunsidrat**

33. L-Artikolu 469A (3) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi illi:

> *Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.*

34. Ir-rikorrent jikkontendi illi dana il-perjodu ta' sitt xhur beda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-14 ta' Settembru 2021 filwaqt illi l-intimati jikkontendu illi tali perjodu kellu jibda jiddekorri minn dakinhar tad-deċiżjoni tal-Aġenzija fit-12 ta' Lulju 2021 jew, fl-agħar ipoteżi, minn dakinhar illi ġie notifikat bid-deċiżjoni fit-30 ta' Lulju 2021.

35. Il-Qorti tosserva illi r-rikorrent qed jipprova jikkontendi li l-perjodu ta' sitt xhur beda jgħodd minn dakinhar tad-deċiżjoni tat-Tribunal, u dana peress illi jikkontendi illi huwa għamel minn kollox biex jikkontesta tali deċiżjoni, u kien biex wara kwalsiasi tentattiv tiegħu falla, illi huwa rrikorra lill-Qorti.

36. Il-Qorti tirrileva illi kienet tkun disposta taċċetta u tabbraċċja tali teżi u argument, kienu verament ir-rikorrent kien qiegħed jipprova juża r-rimedji kollha tiegħu qabel ma ġie quddiem il-Qorti bl-azzjoni odjerna.

37. Madanakollu, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi, għalkemm ir-rikorrent kellu dritt jappella mid-deċiżjoni tal-Aġenzija fi żmien ġimgħatejn minn meta rċieva d-deċiżjoni, ossija fit-30 ta' Lulju 2021, kif jiddikjara huwa stess, huwa intavola l-appell tiegħu madwar ħames ġimgħat wara illi huwa rċieva l-appell, ossija ben wara t-trapass tal-perjodu mogħti lilu biex jappella.

38. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola l-appell tiegħu fit-terminu ta' liġi lilu mogħti, tfisser illi huwa għażel illi jabdika milli jeżerċita' r-rimedji ordinarji tiegħu u ta' lok sabiex id-deċiżjoni tal-Aġenzija mogħtija fit-12 ta' Lulju 2021 u lilu komunikata fit-30 ta' Lulju 2021 titqies bħala finali.

39. Kieku l-Qorti kellha taċċetta l-argument tar-rikorrent li t-terminu jibda jiddekorri mid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal, u dana minkejja illi, konxjament, intavola appell tardiv, dak ikun ifisser illi persuna kwalsiasi tkun tista' tappella minn deċiżjoni tal-Aġenzija, xhur jekk mhux snin wara u, hekk kif t-Tribunal jiċħad l-appell għax 'fuori termine', tali persuna tkun tista' sussegwentement tintavola azzjoni simili għal dik odjerna, għalkemm id-deċiżjoni kkontestata tkun ilha illi ngħatat ferm aktar minn sitt xhur qabel ma ġew intavolati l-azzjoni ta' Stħarriġ Ġudizzjarju.

40. Ċertament, għalhekk, illi tali bażi ta' argumentazzjoni ma jistax jiġi aċċettat minn dina l-Qorti.

41. Ir-rikorrent kellu kull dritt illi jirrimedja għad-deċiżjoni lilu komunikata fit-30 ta' Lulju 2021, liema rimedju huwa naqas milli jagħmel użu minnha fi żmien ġimgħatejn kif trid il-Liġi, u għalhekk, la darba huwa naqas minnn dak, għandu jitqies illi huwa kien eżawrixxa r-rimedji ordinarji tiegħu wara t-trapass tal-ħmistax-il ġurnata fuq imsemmija.

42. Tenut kont ta' tali fatti, u ikkunsidrat illi d-deċiżjoni tal-Aġenzija ġiet komunikata lir-rikorrent fit-30 ta' Lulju 2021, kif minnu stess ammess, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-fatt illi huwa intavola l-proċeduri odjerni fl-14 ta' Marzu 2022 ifisser illi huwa ntavolahom 'l hinn mill-perjodu preskrittiv ta' sitt xhur minn meta sar jaf.

43. Għalhekk, it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' l-intimati timmerita illi tintlaqa' wkoll.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat li l-partijiet qablu li dina l-Qorti kellha tiddeċiedi l-ewwel u tieni eċċezzjoni preliminari mqajjma mill-intimati;

Wara illi rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa'** l-ewwel u tieni eċċezzjonijiet preliminari ta' l-intimati, u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija, u għalhekk:

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**